# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **39/2018**

**VODAFONE MALTA LIMITED**
[REG. NRU. C-10865]

***VERSUS***

**MICHELE BOWLES SUSAN**
[K.I. NRU. 56013L]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-18 ta' Jannar, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, mija u seba' ewro u tlieta u tmenin ewro centezmi (€1,107.83c) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti in konnessjoni ma' telefonija cellular bil-kont numru 1.11003972 kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. Talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali bin-numru 2258/2016) u l-imghax fuq l-imsemmija somma mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-hlas effettiv u finali;

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deheret personalment (jew tramite rapprezentant taghha) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra il-kapitolu prezentat mill-attrici fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018 (*a fol*. 20).

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, l-konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018 (*a fol*. 18) u la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. L-istess konvenuta regghet ma deheritx meta msejjha fl-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 (ara *a fol*. 24).

Gie prezentat kapitolu mill-attrici fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2018 u l-kawza giet differita ghall-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 (ara verbal *a fol*. 18), fejn il-konvenuta baqghet ma deheritx biex twiegeb ghalih. Fid-dawl ta' tali omissjoni n-nota tal-mistoqsijiet kien jisthoqqilha tigi emmnuta u ghalhekk, fl-imsemmija udjenza, l-istess ittiehdet bhala mistqarra (ara verbal *a fol*. 24).

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [*vide* Artt. 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f'min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni *in re* **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998), illi "*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut*." Fl-istess sens ara s-sentenza *in re* **Stephen Vella et v. Bollicine Limited** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008).

Apparti tali mezz ta' prova (i.e., s-subizzjoni), it-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumentazzjoni ezebita mill-attrici, senjatament l-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono (*a fol*. 3) u d-dokumenti li jixhdu dwar l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri (ara rendikont *a fol*. 2) u mill-assjem taghhom jirrizulta li t-talba tas-socjetà attrici hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjetà attrici ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjetà attrici huwa interament dovut mill-konvenuta.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess socjetà attrici s-somma ta' elf, mija u seba' ewro u tlieta u tmenin ewro centezmi (€1,107.83c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% mill-1 ta' April, 2016 (li hi d-data ta' meta dan l-ammont sar dovut skond id-dokument *a fol*. 2) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha tal-proceduri u dawk ghalihom accessorji, inkluz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 2258/2016, kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
***Gudikatur***

***ft*. ADRIAN PACE**
***Deputat Registratur***